**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2016**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 526/2016**

**Yacht Projects Limited**

**vs**

**Phelan Good Chartering Limited (C-71961) bhala sid tal-bastiment M/Y PHELAN GOOD (Numru ufficjali 16463)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-30 ta’ Gunju 2016 li jghid hekk:

1. Illi fil-perjodu bejn Frar tas-sena 2016 u Mejju tal-istess sena s-socjeta rikorrenti Yacht Projects Limited ghamlet diversi xoghlijiet fil-kmamar tal-banju tal-bastiment M/Y PHELAN GOOD, waqt li l-istess bastiment kien qieghed hawn Malta;

2. Illi jezisti bilanc dovut ghal dawn ix-xoghlijiet li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' disgha u sebghin elf mitejn u erbgha u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€79,274.41). Minkejja l-fatt li s-socjeta rikorrenti interpellat diversi drabi s-sid jew rapprezentanti tal-bastiment, sabiex jaghmlu l-hlasijiet dovuti, dawn baqghu inadempjenti;

3. Illi l-bilanc ta' disgha u sebghin elf mitejn u erbgha u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€79,274.41), huwa rapprezentat mis-segwenti fatturi:
a. Fattura Nru. 000054 datata 5 ta' Frar 2016 ghas-somma ta' disghin euro (€90.00) – Dok. A;
b. Fattura Nru. 000112 datata 14 ta' Marzu 2016 ghas-somma ta' tlett elef tlett mija wiehed u disghin euro u ghaxar centezmu (€3,391.10) – Dok. B;
c. Fattura Nru. 000157 datata 2 ta' April 2016 ghas-somma ta' erbgha mija u tlettax-il euro (€413.00) – Dok. C;

d. Fattura Nru. 000143 datata 11 ta' April 2016 ghas-somma ta' sebgha mija u tmien u hamsin euro (€758.00) - Dok. D;
e. Fattura Nru. 000156 datata 14 ta' April 2016 ghas-somma ta' hamsa u erbghin elf, tmien mija u zewg euro u sebgha u sebghin centezmi (€45,802.77) - Dok. E;
f. Fattura Nru. 000173 datata 22 ta' April 2016 ghas-somma ta' mitejn euro u sittin centezmu (€200.60) – Dok. F;
g. Fattura Nru. 000174 datata 22 ta' April 2016 ghas-somma ta' mitejn tnejn u tlettin euro u tmien centezmu (€232.08) - Dok. G;
h. Fattura Nru. 000186 datata 25 ta' April 2016 ghas-somma ta' sebgha mija u tmien euro (€708) - Dok. H;
i. Fattura Nru. 000187 datata 25 ta' April 2016 ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin euro (€885.00) - Dok. I;
j. Fattura Nru. 000202 datata 4 ta' Mejju 2016 ghas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin euro (€295.00) - Dok. J;
k. Fattura Nru. 000204 datata 4 ta' Mejju 2016 ghas-somma ta' elf erbgha mija u euro u erbgha u tmenin centezmu (€1,401.84) – Dok. K;
l. Fattura Nru. 000205 datata 4 ta' Mejju 2016 ghas-somma ta' elf u tlieta u tmenin euro u sbatax-il centezmu (€1,083.17) - Dok. L;
m. Fattura Nru. 000206 datata 4 ta' Mejju 2016 ghas-somma ta' erbat elef erba' mija u hamsa u ghoxrin euro (€4,425.00) - Dok. M;
n. Rendikont tal-fatturi immarkati minn (a) sa (m) ghall-ammont ta' disgha u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin euro u sitta u hamsin centezmi (€59,685.56) - Dok. N;
o. Rendikont Nru. 000210 ghas-somma ta' sitt elef mija u ghaxar euro u hames centezmu (€6,110.05) - Dok. 0 flimkien mal-fatturi;
p. Fattura ghas-somma ta' tlettax-il elf, erba' mija tmienja u sebghin euro u tmenin centezmu (€13,478.80) - Dok. P

4. Illi l-fatturi hawn fuq indikati mhumiex ikkontestati mis-socjeta intimata u huma kollha iffirmati u/jew ittimbrati mill-kaptan jew accettati b'konferma li l-ammont pretiz huwa dovut;

5. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-bastiment hija koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(j) u/jew (m) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll azzjoni ghar-rikavat tas-somma komplessiva ta' disgha u sebghin elf mitejn u erbgha u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmi (€79,274.41) li hija kunsidrata bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(0) u/jew (p) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hemm lok ghal azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta permess li l-kriterji tal-artikolu 37(10)(a)(iv) u /jew (v) huma sodisfatti u ghalhekk konsegwentament dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih;

6. Illi jekk issir bejgh jew trasferiment tal-bastiment jew trasferiment ta' ishma fil-bastiment, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz.

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y PHELAN GOOD, numru 16463 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u

lanqas jinhareg ebda 'deletion certificate' u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportun u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmul minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantli u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1) Illi l-ewwel u qabel kollox trid issir korrezzjoni fl-okkju, in kwantu ma tezisti l-ebda socjeta bl-isem Phelan Good Charters Limited izda Phelan Good Chartering Limited (C-71961);

2) Illi, preliminarjament l-intempestivita tal-kawza odjerna u I-konsegwenti nullita tat-talbiet attrici hekk kif dedotti stante illi qabel setghet tippromwovi l-istanza odjerna, is-socjeta attrici kellha tipprezenta kawza sabiex jigi kanonizzat l-allegat kreditu. Dan jinghad b'iktar emfazi fid-dawl tal-fatt illi l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma kompletament ikkontestati u dan kif jafu ben tajjeb ir-rapprezentanti tas-socjeta attrici. Illi naturalment tali principju japplika anke fil-kaz ta' kreditu li huwa allegatament privileggjat;

3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in ogni kaz is-socjeta attrici ghandha tindika l-bazi legali tal-azzjoni taghha u ghalfejn ghazlet li tippromwovi l-istess permezz ta' rikors gurarnentat u mhux f’forma ohra;

4) Illi inoltre is-socjeta esponenti mhijiex il-legittimu kuntradittur u dan kif jirrizulta anke mid-dokumentazzjoni sottomessa mis-socjeta attrici innifisha;

5) Illi in ogni kaz in-nullita tat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat promotur in kwantu dawn jikkontemplaw effettivament inibizzjoni perpetwa minghajr lanqas biss talba dwar dikjarazzjoni jekk is-socjeta attrici ghandhiex il-jedd pretiz - haga li mhijiex permissibbli fis-sistema guridika taghna;

6) Illi naturalment is-socjeta esponenti tirriserva illi tressaq kwalsiasi difiza ohra kemm preliminari u kemm fil-mertu kemm-il darba s-socjeta attrici tressaq il-kawza ghal kanonizzazzjoni tal-ammont pretiz, u ghalhekk il-prezenti risposta hija biss limitata ghat-talbiet kif impustati fir-rikors guramentat promotur;

7) Salv eccezzjonijiet ohra permissibli fil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta attrici li r-rapprezentanti taghha huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom, u b'riserva ghal kwalsiasi dritt spettanti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat l-atti u l-provi;

Rat li l-vertenza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta' socjeta Maltija sabiex jigi ordnat li ma jsir ebda negozju fuq il-bastiment Phelan Good peress illi ghandha pretensjoni konta sid l-istess vapur ghal diversi xoghlijiet maghmula fuq il-vapur fuq talba tal-kaptan tal-vapur liema xoghlijiet gew esegwiti u accettati mill-istes kaptan kif attestat mill-fatturi esebiti Dok. A sa P tar-rikors promotur fejn il-fatturi huma kollha ittimbrati u kontrofirmati mill-kaptan tal-vapur.

Is-socjeta attrici tikkontendi li din il-pretensjoni monetarja hi koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(j) u/jew (m) tal-Kap. 234 cioe ghal xoghlijiet jew riparazzjonijiet fuq il-vapur u azzjoni ghar-rikavat tal-ammont dovut li hi kunsidrata bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(o) u/jew (p) tal-Kap. 12 cioe provvista ta' materjal u tiswijiet. Ghalhekk ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 peress li l-kriterji tal-artikolu 37(10)(a) (iv) u/jew (v) cioe azzjoni in rem fuq vapur tista' ssir meta hi koperta bi privilegg jew talba ohra li tikkwalifika bhala azzjoni in rem fuq vapur, huma sodisfatti, qed jintalab il-hrug tal-ordni.

Il-Qorti hi tal-fehma li giet stabbilita relazzjoni prima facie kontrattwali bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta qua sid il-vapur li tat lok ghal pretensjoni fil-mertu. Il-Qorti taghmilha cara li din mhix kawza fil-mertu izda talba ghal provvediment kawtelatorju fil-konfront ta' kumpanija marittima fuq il-vapur proprjeta taghha minhabba pretensjoni monetarja li minn natura taghha twassal ghal ottjeniment ta' dan il-provvediment.

Is-socjeta konvenuta ghamlet diversi eccezzjonijiet li ser jigu indirizzati. L-ewwel azzjoni dwar isem is-socjeta konvenuta gie indirizzat fil-mori tal-kawza billi gie korrett l-isem.

It-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hi fis-sens li din it-talba hi intempestiva ghax qabel kellha ssir il-kawza fuq il-mertu. Din l-eccezzjni ma fihiex sahha ghaliex l-artikolu 37(6) jiddisponi illi azzjoni fuq il-mertu ghandha ssir fi zmien tmint ijiem mindu jinhareg ordni dwar iz-zamma ta' kull negozju fuq il-vapur bhal dan mitlub jew fi zmien tletin jum mindu jinhareg ordni provvizorju ta' twaqqif, jiddependi liema zmien jigi l-ewwel.

It-tielet eccezzjoni hi fis-sens li s-socjeta attrici trid tindika l-bazi legali tal-azzjoni u ghalfejn saret b'rikors guramentat. Il-bazi tat-talba fil-fehma tal-Qorti tohrog mill-istess talba cioe l-hrug ta' ordni ghal waqfien kull negozju fuq il-vapur. In oltre l-artikolu 37(2) jistipula li tali talba simili trid issir b'rikors guramentat.

Ir-raba' eccezzjoni li s-socjeta konvenuta mhix legittimu kontradittur ma gietx sostanzjata mis-socjeta konvenuta. Ma ngeibet ebda prova li mhix sid il-vapur. Fil-mertu pero u dan in kwantu ghal fatturi esebiti mis-socjeta attrici, il-Qorti qed tastjeni li tippronunzja ruhha f'dan l-istadju tal-proceduri.

Il-hames eccezzjoni hi bla bazi billi mhux minnu kif sottomess mis-socjeta konvenuta li qed jigi kontemplat inibizzjoni perpetwa. Din hi forma ta' inibizzjoni pendente lite sakemm jinghata provvediment differenti jew tinghata sentenza definittiva fil-mertu. In oltre mhux minnu kif qed tissottometti s-socjeta konvenuta, illi s-socjeta attrici ma ddikjaratx il-jedd pretiz. Dan il-jedd prima facie gie pretiz b'mod car fil-premessi tar-rikors guramentat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u tilqa' it-tabiet tas-socjeta attrici billi tordna li ma jsir ebda ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y PHELAN GOOD, numru 16463 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u li din l-ordni tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234. L-ispejjez jithallsu mis-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur